

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv: il-leġiżlatur għandu jiggarrantixxi dispożizzjonijiet oħra ta' kwalunkwe natura sabiex jistabbilixxi li parti tkun fil-pożizzjoni, qabel ma l-qorti tagħti deċiżjoni, li tikseb legalment l-osservanza tad-dritt fundamentali tagħha li jiġi osservat il-prinċipju tal-“qorti legali”?

- 4) Id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll il-prinċipju ta' effettività tal-inqas fir-rigward ta' ordinament ġuridiku nazzjonali li, sabiex jitħarsu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qorti, jistabbilixxi fil-Kostituzzjoni tiegħu dritt fundamentali għall-assenjazzjoni tal-kawżi lill-Imħallfin skont ordni ta' servizz stabbilita minn qabel skont regoli ġenerali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-assenjazzjoni tal-kawżi f'qorti u r-reġistrazzjoni tal-kawżi mressqa għandhom jitfasslu b'mod tant trasparenti u ċar li l-Imħallf jew parti jkun f'pożizzjoni li faċilment jivverifikaw il-konformità tal-assenjazzjoni konkreta ta' kawża lil Imħallf jew lil Awla mad-dispożizzjonijiet tal-ordni ta' servizz interna fis-seħħ fil-qorti?

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv: il-leġiżlatur għandu jiggarrantixxi dispożizzjonijiet oħra ta' kwalunkwe natura li jistabbilixxu li Mħallf jew parti jkun fil-pożizzjoni li jkun jistgħu jinformaw ruħhom dwar il-legalità tal-assenjazzjoni ta' kawża?

- 5) Id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll il-prinċipju ta' effettività tal-inqas fir-rigward ta' ordinament ġuridiku nazzjonali li, sabiex jitħarsu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qorti, jistabbilixxi fil-Kostituzzjoni tiegħu dritt fundamentali għall-assenjazzjoni tal-kawżi lill-Imħallfin skont ordni ta' servizz stabbilita minn qabel skont regoli ġenerali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-partijiet fil-proċedura u l-Imħallf fi proċedura tal-qorti għandhom ikunu f'pożizzjoni li jifhem mingħajr diffikultà l-kontenut tar-regoli tal-ordni ta' servizz u fis-sens li l-partijiet fil-proċedura u l-Imħallf għandhom ikunu b'dan il-mod f'pożizzjoni li jivverifikaw il-legalità tal-assenjazzjoni magħmula lil Imħallf jew lil Awla?

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv: il-leġiżlatur għandu jiggarrantixxi dispożizzjonijiet oħra ta' kwalunkwe natura li jistabbilixxu li Mħallf jew parti għandhom jitqiegħdu f'pożizzjoni li jkun jistgħu jinformaw ruħhom dwar il-legalità tal-assenjazzjoni ta' kawża?

- 6) Liema huma l-inizjattivi li Mħallf għandu jieħu skont l-obbligu tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni li josserva l-prinċipji ta' proċedura tad-dritt tal-Unjoni, meta att ġuridiku (estern jew intern għall-qorti) li ma jistax jikkontesta jgħieghu jaġixxi bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u mingħajr kunsiderazzjoni tad-drittijiet tal-partijiet?

Appell ippreżentat fit-3 ta' April 2019 minn Andrew Clarke mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fil-25 ta' Marzu 2019 fil-Kawża T-731/18, Clarke vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-284/19 P)

(2019/C 213/12)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Andrew Clarke (rappreżentant: E. Lock, Solicitor)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— turrinvija r-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali għal teħid inkunsiderazzjoni tagħha u biex tqies il-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— tordna li sa mhux iktar tard mit-12 ta' April 2019 (jew xi data oħra li għaliha jista' jiġi estiż l-perijodu tal-Artikolu 50 TFUE)

(a) il-Qorti Ġenerali tindirizza dak ir-rikors skont skeda u mod tali li tista' tagħti s-sentenza tagħha fuqha;

(b) bħala miżura provviżorja, il-Kummissjoni tagħti lir-Renju Unit opinjoni motivata filwaqt li tistabbilixxi l-pożizzjoni tagħha dwar il-ksur tad-dritt Ewropew li tista' tiġi dedotta mill-ittra tagħha lill-appellant tal-25 ta' Ottubru 2018;

— tordna li l-partijiet għandhom il-libertà li jagħmlu rikors lill-Qorti Ġenerali għal xi direzzjonijiet oħra kif xieraq;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-appellant.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant iqajjem eċċezzjoni waħda:

Il-Qorti Ġenerali fid-digriet tagħha fil-25 ta' Marzu 2019 interpretat b'mod ħażin dak li r-rikorrent fittex bir-rikors tiegħu, iddeterminat b'mod żbaljat li ma għandu ebda *locus standi* biex jippreżenta r-rikors tiegħu u li ma għandha ebda ġurisdizzjoni biex tagħti d-digriet imfittex.

L-appellant ma talabx li l-Kummissjoni tressaq proċedimenti kontra r-Renju Unit. Qed jintalbu l-annullamenti ta' żewġ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, li waħda minnhom ġiet identifikata b'mod żbaljat mill-Qorti Ġenerali. Fir-rigward tagħhom, il-ġurisprudenza li bbażat fuqha l-Qorti Ġenerali jew ma ssostnietx il-proposta li għaliha hija kkwotata jew hija rrilevanti. L-appellant huwa intitolat ifittex l-annullament ta' dawk id-deċiżjonijiet sa fejn kienu indirizzati lilu u/jew huma ta' interess dirett u individwali għalih. Barra minn dan, sussidjament, l-appellant huwa intitolat ifittex digriet taħt l-Artikolu 265 TFUE fuq il-bażi li l-Kummissjoni naqqset milli taġixxi billi ma tatx opinjoni motivata lir-Renju Unit abbażi ta' obbligu mandatarju biex tagħmel hekk skont l-ewwel parti tal-Artikolu 258 TFUE minħabba l-aċċettazzjoni impliċita tagħha bit-tieni waħda minn dawk id-deċiżjonijiet biex tersaq biex tikkunsidra id-diskrezzjoni tagħha skont it-tieni parti tal-Artikolu 258 li r-Renju Unit kien qed jikser id-dritt Ewropew. Dan huwa abbażi tal-fatt li l-opinjoni motivata għandha tkun indirizzata wkoll lill-appellant u/jew tkun ta' interess dirett u individwali għalih. L-appellant huwa intitolat ukoll li jfittex digriet ta' inġunzjoni u miżuri provviżorji fir-rigward tar-rikors tiegħu abbażi tal-Artikolu 265 TFUE.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Krajský súd v Trnave (is-Slovakkja) fid-9 ta' April 2019 — RN vs Home Credit Slovakia a.s.

(Kawża C-290/19)

(2019/C 213/13)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Krajský súd v Trnave